A.L. 118 ta' l-1997

ATT DWAR L-AVJAZZJONI ĊIVILI
(KAP. 232)

Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Ajruport
(Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili, il-Ministru tat-Trasport u Portijiet, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-sehh.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Ajruport (Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew isehhu fl-1 ta' Frar, 1997.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"Direttur" tfisser id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Ċivili u tinkludi kull uffiċjal pubbliku fid-dipartiment tiegħu li jiġi minnu hekk delegat għall-għan ta' dawn ir-regolamenti;

"ekwipagg ta' l-ajru mibgħut fuq xogħol" tfisser membri ta' l-i*staff* li jtiru ta' kumpannija li tħaddem inġenji ta' l-ajru li bħala parti mix-xogħol tagħhom jivvjaġġaw bl-ajru għal post minn fejn ikunu se jaħdmu fuq inġenji ta' l-ajru bħala membri ta' l-ekwipaġġ tiegħu, kemm-il darba l-biljett tagħhom jew id-dokument l-ieħor li bih jivvjaġġaw ikun kontrosenjat mill-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru f'dan is-sens;

"passiġġier li jitlaq" tfisser passiġġier li jibda vjaġġ bl-ajru minn Malta għal destinazzjoni barra minn Malta, mhux fuq inġenju ta' l-ajru militari, u li ma jerġax lura Malta dakinhar stess li jkun telaq.

Talba u hlas ta' dritt ghal servizz lill-passiġġieri.

3. Ghas-servizzi u faċilitajiet ipprovduti lil passiġġier li jitlaq mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, għandu jitħallas lid-Direttur minn sid ta' inġenju ta' l-ajru jew mill-operatur tiegħu, skond il-każ, dritt ta' Lm4 dwar kull passiġġier li jitlaq u li jitla' fuq l-inġenju ta' l-ajru tiegħu.

Eżenzjoni.

4. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal ekwipaġġ ta' l-ajru mibgħut fuq xogħol jew tfal taħt is-sentejn.